# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 964

KAZ NRU. 1228

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Imperia Avellino

u

The Eden Foundation

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 12 t'Awissu, 1998

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

1. **Introduzzjoni**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata 11 ta' Marzu, 1998 Ref. MHS/T1/25/98 biex tigi processata skond l-Artiklu 28(2) tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266) tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm erba' seduti.

Is-sinjura Imperia Avellino li minn issa tidher bhala l-appellanti kienet assistita mill-avukat Karmenu Mifsud Bonnici u ghal The Eden Foundation li minn issa 'l quddiem tidher bhala l-Fondazzjoni kienet rapprezentata mis-sur Vincent Borg, Direttur Servizz ghall-Adulti assistit mill-avukat Anglu Farrugia.

2. **Xhieda**

| | | |
|---|---|---|
| Is-sur Vincent Borg | - | Direttur Servizzi ghall-Adulti |
| Is-sinjorina Doreen Aquilina | - | Job Coach |
| Ms Charmaine Agius | - | Head of School<br>Old Priory Nursery School |
| Is-sinjura Marion Lia | - | Work Animator |

3. **Dokumenti**

L-unici dokumenti li gewipprezentati kienu l-Istqarrija tal-Kaz taz-zewg partijiet.

4. **Sottomissjonijiet**

Bazikament l-argument principali tal-kaz tal-appellanta kien li hija ma kinitx l-ahhar impjegata bhala Work Animator, din kienet Miss Doreen Aquilina u ghalhekk it-terminazzjoni tal-impjieg taghha ghar-raguni ta' "Redundancy" kien kontra l-Ligi.

Il-fondazzjoni sostniet il-kaz taghha li iffaccata b'nuqqas ta' fondi kellha tirrikorri biex tnaqqas l-istaff. Stqarret li ghamlet l-ghazla taghha wara li kkunsidrat l-abbilta', esperjenza u efficcjenza ta' l-appellanta u Doreen Aquilina u ma kellha l-ebda ezitazzjoni tiddeciedi li zzomm lil Aquilina.

Il-fondazzjoni qalet li fuq din il-bazi, li saret xjentifikament, ma kienx hemm necessita' li l-appellanta tigi mistoqsija kinitx ippreparata li taghmel id-doveri ta' Job Coach, li ghal dan ix-xoghol Aquilina kienet fl-assessment tal-Fondazzjoni kapaci hafna.

L-appellanta ghal dan l-argument irrispondiet li l-Ligi dwar il-procedura tar-redundancy kienet cara u ma kinitx tippermetti ghazla bazata fuq il-kapacita' ta' l-impjegati.

5. **Kunsiderazzjonijiet**

Dan il-kaz jirrekjedi decizjoni mit-Tribunal jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellanta Mrs. Imperia Avellino mill-Eden Foundation kinitx ghar-raguni ta' "Redundancy" genwina jew le. Jekk jirrizulta li dan kien il-kaz, it-Tribunal ikun prekluz li jiddelibera fuq il-kaz, jekk jirrizulta oppost allura t-Tribunal irid jiddeciedi, ghax allura jkollu l-kompitu necessarju, jekk it-temm ta' l-impjieg kienx ghal raguni tajba u sufficcjenti skond il-Ligi.

It-Tribunal jibda biex josserva li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja preokkupanti tal-Fondazzjoni li skond l-istess Fondazzjoni n-necessitat it-terminazzjoni tal-appellanta mill-impjieg taghha bhala Work Animator.

It-Tribunal sema' lill-Fondazzjoni targumenta li ffaccjata b'nuqqas ta' fondi u l-prospett li kellha tnaqqas l-istaff iddecidiet li tqis "Redundant" lill-appellanta ghab-bazi li Miss Doreen Aquilina li kienet giet impjegata f'Ottubru tal-1997 bhala Work Animator, kienet giet allokata d-doveri ta' Job Coach; mistoqsi d-Direttur Servizzi ghall-Adulti tal-Fondazzjoni jekk l-appellanta li kienet "senior" fit-tul tas-servizz gietx avvicinata kinitx lesta taghmel id-doveri ta' Job Coach irrisponda fin-negattiv ghax fil-fehma tal-Fondazzjoni Aquilina kienet il-persuna addattata minn kull angolu li taqdi dawn id-doveri.

It-Tribunal innota li Mrs. Marion Lia, Work Animator xehdet li kienet giet mistoqsija mill-Cordinator jekk kinitx lesta li taghmel id-doveri ta' Job Coach avveniment li d-Direttur xehed ma kienx konxju tieghu.

Gie stabbilit u konfermat li l-grad baziku ta' l-appellanta kien ta' Work Animator; id-differenza biss kienet fil-kwalita' tad-doveri.

It-Tribunal josserva wkoll li wara li l-appellanta giet issensjata fit-18 ta' Frar, 1998, hija kompliet tahdem ghal xi zmien bhala "part-timer", pero' dan ghat-Tribunal ma jfissirx li l-appellanta b'hekk irrinunzjat id-drittijiet li jaghtuha il-Ligi dwar il-procedura li ghandha tigi applikata fil-kaz meta tinqala "redundancy".

Il-kompitu ghalhekk tat-Tribuanl hu li jikkunsidra u jiddeciedi jekk ir-"redundancy" ta' l-appellanta kienx jikkonforma mal-Ligi.

## 6. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali wara li ra u kkunsidra l-'iStatements of Case' tal-partijiet.

Ra w ezamina d-dokumenti esebiti.
Sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti.
Ikkunsidra s-sottomissjonijiet finali u l-osservazzjoni taz-zewg partijiet.

Ikkunsidra l-fatti u c-cirkostanzi kollha dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq isib li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tal-appellanta ma jikkonformax

mal-Artiklu 34 tal-Kap. 135 tal-ligi li jistipula s-segwenti :-

"Meta principal ikun bi hsiebu jtemm l-impjieg ta' mpejgat minhabba "redundancy", hu ghandu jtemm l-impjieg ta' dik il-persuna li tkun impjegata l-ahhar fil-klassi ta' l-impjieg milqut minn dik ir-"redundancy".

Fil-kaz quddiem it-Tribunal dan ma giex esegwit.

L-artiklu relevanti huwa car bizzejjed u ma jippermetti l-ebda interpretazzjoni u jew rizervi dwar il-principju ta' "last in - first out".

F'dan il-kaz, kemm l-appellanta kif ukoll Doreen Aquilina kienu ufficjalment gradati bhala Work Animators.

Ghaldaqstant it-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellanta ma tikkwalifikax bhala "Redundancy" galadarba l-appellanta ma kellhiex tkun il-persuna li sfat "redundant" skond l-istess Artiklu tal-Ligi citat hawn fuq.

Per konsegwenza t-Tribunal vestit b'awtorita' li ghandu l-kompitu jiddeciedi dan il-kaz, jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellanta Imperia Avellino ma kinitx ghall-raguni tajba u sufficcjenti skond il-Ligi.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi u jordna lill-Eden Foundation thallas kumpens lill-appellanta Imperia Avellino, liema kumpens ghandu jkun id-differenza bejn is-salarju li kellha bhala Work Animator u r-remunerazzjoni li thallset bhala part-time ghall-perjodu bejn it-18 ta' Frar 1998 u d-data meta rrizenjat bhala part-timer. 1998

It-Tribunal jordna li dan il-kumpens ghandu jithallas sa mhux aktar tard minn tletin (30) jum mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' drittijiet li jithallsu, t-Tribunal qieghed jiffissa dawn skond AL 48 tal-1986 fis-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

--------------------
**Carmel Debono**
**CHAIRMAN**

--------------------
**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**

mrg